MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1249/1993/1

John Sammut ghad-ditta JDS Furniture
Vs
Carmel Vassallo f'ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` C. V. Holdings Limited u b'nota tas-16 ta' Jannar, 1996 Jason Vassallo assuma l-atti f'isem Carmelo Vassallo proprio et nomine

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Billi l-attut gie kommissjonat mill-konvenut jimmanifattura u jissupplixxi xogholijiet fuq l-injam ai termini tal-kuntratt ta' ftehim datat 10 ta' Settembru 1992 u s-"Schedule of Works" hemm formanti parti integrali tieghu.

Billi l-attur ikkompleta x-xogholijiet kollha lilu affidati.

Billi l-konvenut proprio et nomine nonostante li gie interpellat diversi drabi, anke ufficjalment, naqas li jhallas l-ammont bilancjali reklamat ta’ Lm3194.41,0.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tghaddi biex tiddeciedi skond it-talba tal-attur u dan bid-dispens tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef mija u erba’ u disghin liri Maltija, wiehed u erbghin centezmu (Lm3,194.41) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ xogholijiet fuq l-injam maghmul u konsenjat kif istruwiet mill-istess attur.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Awissu 1993, u tal-ittra legali tat-28 ta’ Gunju 1993 kontra l-konvenut nomine li gie ingunt ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Carmel Vassallo proprio et nomine li eccepixxa:

Illi fil-kwalita` personali qatt ma kellu relazzjoni guridika ma’ l-attur u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

Illi s-socjeta` C V Holdings Limited ma ghandiex taghti lill-attur ghaliex il-kontegg maghmul mill-attur huwa zbaljat, u kif jidher mill-istatement esebit mill-konvenut nomine, kien sar “overpayment”.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Gie prezentat affidavit ta' l-attur li fih ikkonferma illi l-konvenut Carmel Vassallo in rapprezentanza tas-Socjeta` C V Holdings Limited huwa debitur tad-ditta tieghu fl-ammont ta' tlett elef mija u erba' u disghin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm3,194.41), prezz ta' xogholijiet ta' injam liema hlas ghadu dovut.

Semma li fid-9 ta' Settembru 1992 il-konvenut flimkien mar-ragel ta' bintu kienu marru ghandu u staqsewh jekk kienx lest li jaghmel xoghol fuq l-injam f'hanut f'Tas-Sliema. Qal li talbu ghall-pjanti u hu gabhomlu u hu flimkien mal-Accountant tieghu hadmu l-prezzijiet ta' kull item u l-ghada 10 ta' Settembru kienu ghamlu l-ftehim u l-konvenut kien tah il-kapparra. Qal li ghamel sample tal-unit bil-kulur light oak izda meta ha s-sample fil-hanut is-sid qallu li l-kulur m'ghogbux u pprecizalu li ried kulur bhal dak li kellu hanut aktar 'il fuq minnu. Qal li l-konvenut hadu f'dak il-hanut biex jara l-kulur biex jaghmel bhalu. Semma li l-kulur kien lime oak filter u lill-konvenut qallu li jekk is-sid ried dak il-kulur il-prezz kellu jizdied. Il-konvenut kien talbu quotation gdida u hu kien ghamilha u ta lir-ragel ta' bintu u dan hadha ghand sid il-hanut u din il-quotation kienet giet accettata.

Semma li fil-kors tax-xogholijiet kien beda jinqala' xoghol 'extra' bhal units, wall panelling u xi burduri li ma kienx indikat fil-ftehim tal-10 ta' Settembru. Qal ukoll li kien hemm tibdil fil-qisien ta' xi partijiet mix-xoghol fis-sens li zdiedu fid-daqs. Semma li hu kien jitlob lill-konvenut biex ihallsu akkont tax-xogholijiet skond il-kuntratt u hu gieli kien ihallsu b'cekkijiet u gieli kien ihallsu fi flus. Wara li xoghol kien lest kompriz l-extra works kien sejjah lill-konvenut biex isir il-kejl skond kif miftiehem fir-rigward ta' dawk l-items li kien mehtieg il-kejl liema kejl kien sar fil-prezenza tieghu, l-Accountant, il-lavrant tieghu, il-konvenut u r-ragel ta' bintu. Qal li wara li sar il-kejl kien

hareg il-kont finali li kien ilahhaq Lm21,693. Semma li wara li ghaddew xahrejn, kien cempel lill-konvenut fejn talbu jhallsu l-bilanc dovut u dan kien wiegbu li hu ried jirranga l-kont ghax skond hu kien gholi.

Semma li xi zmien wara kien gie deciz li ssir laqgha mal-konvenut, mas-sidien tal-ABC u mal-perit taghhom AIC Ray Spiteri. Qal li l-konvenut kien mar ftit qabel il-hin iffissat ghal-laqgha u kien insista mieghu biex hu jzid il-figura fuq il-kont tieghu biex b'hekk ikun jista' jithallas aktar minghand is-sidien tal-ABC. Hu kien qallu li dawk l-affarijiet ma jaghmilhomx. Fil-laqgha saret diskussjoni dwar il-kont jew il-figura li l-konvenut kien ghadda lis-sidien. Ftakar li l-Perit qal lill-konvenut illi s-sidien ma setghux jaccettaw il-figura li kien ghaddielhom hu. Kien gie ssuggerit mill-Perit bil-partecipazjoni tal-Accountant ukoll, illi s-sidien ihallsu xi ammont bhala 'commission' u dan bil-ghan li jintlahaq ftehim. Fl-ahhar kien gie propost illi l-kont tieghu jaghmlu Lm21,000 dritti u d-differenza ta' Lm693 tinqasam bejnu u bejn il-konvenut.

Kompla jghid li s-sidien kellhom ihallsu 10% fuq dak l-ammont ta' Lm21,000 lill-konvenut u hu min naha tieghu kellu jaghti lill-konvenut 5% fuq dak l-istess ammont. Ghalhekk mill-bilanc li kien baqaghlu jaghtih naqqaslu 5% u dan skond kif stabbilit fil-ftehim ta' bejniethom. Semma li llum il-konvenut baqaghlu jaghtih l-bilanc nett ta' Lm3,194.41, liema ammont nonostante li talabhomlu diversi drabi anke permezz tal-Avukat, huwa baqa' ma hallasx.

Gie prezentat affidavit tal-Perit Ray Spiteri Arkitett mal-Perit Paul Camilleri u qal li hu kien responsabbli mix-xogholijiet konnessi mal-progett maghruf bhala Ferries Block, The Strand Sliema u mis-supervizjoni tax-xogholijiet. Qal li dan il-block kien gie kostruwiet wara li twaqqghu hwienet li kienu jezistu fosthom dak tal-ABC Stationers and Printers. Semma li meta sar il-bini hu kien responsabbli wkoll fuq l-interior design tal-post li kellu jservi bhala hanut ghall-ABC minflok dak demolit. Kienu saru l-pjanti u d-disinn u s-socjeta` C V Holdings kienet is-socjeta` kostruttrici tal-Block.

Semma li l-ABC kienu talbuhom biex igibu quotations ghall-interior decoration, kompriz dik relattiva ghax-xogholijiet fuq l-injam u kien gie suggerit biex jigi kkuntattjat l-istess kostruttur li kien ha hsieb il-bini tal-blokk. Kien sar meeting fl-ufficcju taghhom fejn kienu prezenti rapprezentanti tac-C V Holdings, il-Perit Camilleri u David Caruana ghall-ABC fejn kienu gew diskussi r-rati u x'kien jinvolvi bhala xoghol kompriz il-finishing. Wara d-diskussjoni kien inghata bidu ghax-xogholijiet u x-xogholijiet fuq l-injam kienu saru minn sottokuntrattur u cioe` John Sammut ghad-ditta J D S Furniture.

Qal li fil-kors tax-xogholijiet kienu saru varjazzjonijiet fil-pjanti u fil-volum tax-xogholijiet ta' l-injam. Spjega li kienet inqalghet kwistjoni wara li kien tkejjel ix-xoghol fis-sens illi C V Holdings kienu ppretendew illi l-kejl kellu jsegwi t-tibdil li sar fil-pjanti. Semma li peress li r-rati taghhom kienu bbazati bil-pied jigri u kien hemm items differenti, kien deherilhom, peress li l-gholi kien zdied, li kellhom jizdiedu r-rati kif minnhom ikkwotati. Qal li huma bhala periti ma qablux ma' dik u in effetti hargu l-final bill skond ir-rati originali kkwotati.

In segwitu ghal dan qal li kienet saret laqgha li kienu attendew il-partijiet kollha interessati fosthom l-attur, il-konvenut u Joe Micallef ghac-C V Holdings fejn fiha kienu gew dibattuti d-divergenzi kollha li kien hemm bejn il-partijiet direttament involuti, senjatament il-prezzijiet ta' certu items. Kienu gew suggeriti diversi possibilitajiet ta' soluzzjoni u ta' interpretazzjoni ta' l-istima originali tac-C V Holdings u fl-ahharnett kien intlahaq qbil fis-sens illi l-ABC Stationers kellhom ihallsu s-somma ta' Lm21,000 plus 10% b'kollox Lm23,100 lic-C V Holdings.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Joe Mifsud</u> l-Accountant ta' l-attur li qal li hu kien involut mill-bidu nett. Semma li l-attur kien gie kuntattjat f'Settembru 1992 mill-konvenut rigward xoghol ta' injam li ried isir fil-hanut tal-ABC Stationers f'Tas-Sliema. Qal li l-konvenut kien hallielhom id-designs u hu u l-attur kienu ppreparaw il-quotations u wara kienu ltaqghu mal-konvenut u ma' Joe Micallef fejn iddiskutew

dawk il-quotations flimkien max-xoghol li kellu jsir u f’kemm zmien kif ukoll modalitajiet ta’ pagamenti u x’kummissjoni kellu jiehu l-konvenut fuq dak ix-xoghol. Semma li hu kien ifformula ftehim bejn l-attur u l-konvenut datat 10 ta’ Settembru 1992.

Qal li wara l-iffirmar tal-ftehim kien sar sample tax-xoghol biex jigi stabbilit u approvat il-kwalita` tax-xoghol u l-kuluri. Semma li l-konvenut kien qalilhom li l-ABC kienu riedu kulur bajdani u huma s-sample kienu hadmuh fuq light oak pero` wara saru jafu li l-kulur li riedu l-ABC kellu jkun bil-‘Lime oak filler’. Qal li biex issir b’dik is-sistema kien jinvolvi xoghol extra u ghalhekk kienu hargu quotation gdida lill-konvenut u dan wara li kien diga` gie ffirmat il-kuntratt ta’ ftehim. Semma li l-konvenut kien accetta dik il-quotation u ta struzzjonijiet lill-attur biex imexxi bix-xoghol.

Semma wkoll li kienu zdiedu xogholijiet extra bhal wall panelling, burduri u units tal-ixkaffar u tibdil fid-dimensjonijiet tas-sales counters. Qal li fil-kors tax-xoghol il-konvenut beda jhallas akkonti lill-attur izda meta x-xoghol beda joqrob lejn it-tmiem il-pagamenti bdew jaqghu b’lura. Huma bdew jippressawh biex jonora l-ftehim u jhallas skond ix-xoghol li kien sar izda hu kien qalilhom li minghand l-ABC il-flus li kien tahom biss kien ircieva. Qal li meta kien tlesta x-xoghol kienu marru fuq il-post u kejjlu x-xoghol biex setghu johorgu l-kont finali liema kont kien jikkalkola Lm21,693. Semma li meta kien pprezenta l-kont lill-konvenut, hu qalilhom li l-ABC ma riedux ihallsu aktar minn Lm16,000 u nsista li jnaqsu l-kont ghal dik il-figura u hu ta parir lill-attur biex ma jaccettax ghax kien johrog bit-telf.

Wara hafna kwistjonijiet kienu ltaqghu l-partijiet kollha involuti u kienu gew diskussi l-problemi kollha u kien intlaqah ftehim li l-kont tal-masstrudaxxa kellu jithallas minghand l-ABC lill-konvenut. Semma li s-somma ta’ Lm21,693 kienet giet riveduta ghas-somma ta’ Lm21,000 u d-differenza ta’ Lm693 kellhom ibatuhom nofshom l-attur u nofshom il-konvenut. Ghalhekk l-ABC kellha thallas lill-konvenut is-somma ta’ Lm21,000 plus 10% u l-attur kellu jithallas minghand il-konvenut is-somma ta’

Lm21,693 tnaqqas minnhom nofs is-Lm693 u kummissjoni ta' 5% kif miftehma fil-kuntratt tal-10 ta' Settembru 1992. Qal li minghand il-konvenut ircevew il-pagamenti kif indikati fl-istatement ippreparat minnu u b'hekk l-istess konvenut baqghalu jhallas bilanc ta' Lm3,194.41.

Gie prezentat affidavit ta' David Caruana Managing Director tal-ABC Stationers & Printers Limited fejn qal li l-kumpanija kellha stationery shop Tas-Sliema u dan twaqqa' flimkien ma' hanut iehor u floku nbena blokk gdid bi hwienet sottostanti li kellhom iservu wiehed ghalihom u l-iehor ghall-Magic Shop. Semma li s-socjeta` tieghu kellha tiehu hsieb l-arredament intern tal-hanut, u kien sar kuntratt mas-socjeta` tal-konvenut fejn kien intlahaq qbil dwar ir-rati u x-xoghol li kellu jsir u kien informah li x-xogholijiet fuq l-injam kienu ser isiru mill-attur.

Qal li l-pagamenti ghal dawk ix-xogholijiet kienu saru lis-socjeta` konvenuta u esebixxa s-schedule ta' pagamenti li gew effettwati u qal li bhala periti konsulenti kellhom lill-AIC Paul Camilleri & Associates fejn dawn kienu hargu l-final bill taghhom ibbazati fuq ir-rati kwotati mill-istess socjeta` konvenuta izda s-socjeta` konvenuta ma qablitx ma' dak il-kont. Qal li kienu ltaqghu u kienu gew diskussi d-differenzi li nqalghu u finalment kienet instabet soluzzjoni u qablu dwar il-figura finali li kienet accettabbli ghal kulhadd.

Xehed il-konvenut Carmelo Vassallo rapprezentant tas-socjeta` C V Holdings Limited fejn qal li hu ghamel kuntratt iffirmat bejnu u bejn l-attur biex l-attur jaghmillu xoghol ta' ghamara ghal hanut ABC f'Tas-Sliema. Semma li hu f'dan il-kuntratt iffirmat fl-10 ta' Ottubru 1992 kien qed jidher ghan-nom tal-kumpanija u qal li skond l-istess kuntratt hu kien ta lill-attur izjed flus milli suppost. Qal ukoll li barra l-kuntratt u x-schedule of works, fil-kors tax-xogholijiet kien hemm ukoll xogholijiet extra izda qal li ma qabilx mal-prezzijiet li ghamel l-attur.

Semma li kienu ghamlu laqgha fejn kienu prezenti hu, rapprezentant ta' l-ABC, il-Perit Ray Spiteri u l-attur fejn l-

attur ma accettax il-ftehim u ghalhekk hu sostna li jimxu skond il-kuntratt. Il-ftehim kien li 5% jaghmel tajjeb ghaliha sid l-ABC, 5% l-attur u 5% jigu mnaqqsa mill-kont. Qal li r-rati ta' xi xogholijiet ma kienux konformi max-schedule of work. Semma li minghand l-ABC ircieva madwar Lm20,000 u lill-attur tah Lm17,200.

Xehed Etienne Farrugia li qal li hu l-Assistent ta' Carmelo Vassallo u skrivan ukoll mas-socjeta` C V Holdings Limited. Semma li kien sar kuntratt bejn is-socjeta` C V Holdings u l-attur fejn kienu gew iffissati prezzijiet li kienu qablu maghhom iz-zewg nahat. Waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet fil-hanut ta' l-ABC Stationers f'Tas-Sliema kienu saru xi pagamenti akkont lill-attur u meta spicca x-xoghol, l-attur hareg kont li ma kienx jaqbel mal-kuntratt. Dokument a fol 20 huwa statement of payment li saru mis-socjeta` C V Holdings li kienu jammontaw ghal Lm17,200 u dokument 21 huwa kont li kien hareg il-perit tas-socjeta` C V Holdings skond ir-rati li kienu gew iffissati u li kienu ta' Lm16,000.
Qal li s-socjeta` konvenuta kienet taf li kienet tat lill-attur izjed flus pero` peress li l-attur kien hareg kont ta' Lm21,000, is-socjeta` konvenuta ppretendiet li jtuh xi haga zejda biex forsi jirrangaw iz-zewg nahat. Qal li l-attur kien mar kemm-il darba l-ufficju tas-socjeta` konvenuta biex jipprova jintlahaq ftehim. Semma li l-attur, skond il-kuntratt kien ser jaghti 5% discount. Semma li wara li l-attur u l-konvenut iltaqghu kienu ftehmu li l-attur kien ser icedi 5% iehor mill-kont tieghu izda wara xahar l-attur kien rega' mar l-ufficju tas-socjeta` konvenuta fejn infurmah li kien ser icedi biss il-5% skond il-kuntratt izda l-5% li kienu ftehmu fuqhom mhux ser icediha.

Semma li l-perit taghhom kien diga` ghamel kont u kien gabu ghal Lm16,000 izda huma stennew lill-attur johrog il-kont tieghu biex wara jaraw x'differenzi hemm u jaraw jekk jilhqux kompromess. Qal ukoll jghid li fil-kont ta' l-attur ma kienx hemm imnaqqas il-5%.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat illi b'digriet tad-9 ta' Frar, 1995 din il-Qorti diversament presjeduta innominat lill-Perit David Pace

biex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jkun ha konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet.

**Konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku:**
“Jirrizulta ghalhekk illi hemm provi sufficjenti illi juru illi l-kwistjoni kienet inqatghet definittivament fil-laqgha illi kienet saret bejn il-partijiet kollha u li l-ftehim li ntlahaq kien skond kif spjega l-attur nomine u kif kien gie kkonfermat sia mill-Peirt Spiteri kif ukoll minn David Caruana ghan-nom tas-sidien. Fil-konfront ta’ dan ghalhekk l-allegazzjonijiet tal-konvenut jidhru li huma bla bazi u li verament il-fatti graw kif esponihom l-attur u mhux kif allegatament saru skond il-konvenut.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponent ma jarax illi huwa gustifikat illi l-valur tax-xoghol ta’ l-attur nomine jitnaqqas ulterjorment ghal xi somma illi qed jippretendi illi ghandha tkun il-konvenut nomine u li ghandha tibqa’ dik is-somma likwidata fil-laqgha ta’ bejn il-partijiet u cioe` ta’ tlieta u ghoxrin elf lira (Lm23,000). Isegwi ghalhekk illi a bazi ta’ l-obbligu assunt mill-attur nomine biex inaqqas is-somma ta’ tlett mija u sitta w erbghin lira (Lm346) kif ukoll ihallsu il-kummissjoni ta’ hamsa fil-mija (5%) il-valur tax-xoghol ta’ l-appalt illi hadem l-attur nomine lill-konvenut nomine kellu jigi amendat kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti a fol 34 u 35 tal-process.

In konkluzjoni ghalhekk l-esponent jidhirlu illi t-talbiet ta’ l-attur jidhru gustifikati u li l-konvenut nomine ghandu jhallas is-somma ta’ tlett elef mija w erbghin u disghin lira u wiehed u erbghin centezmu (Lm3194.41) bhala bilanc finali ta’ l-ammont globali ta’ l-appalt illi hadem l-attur nomine lill-konvenut nomine.”

Dan kollu jaghmilha car li kien hemm tibdil sia fl-ammont u sia fit-tip ta’ xoghol li nhadem wara li nghata l-appalt. Dan gab mieghu talba ghal zieda fil-hlas minhabba li x-xoghol ma kienx baqa’ l-istess bhal ma kien gie appaltat. Kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet li permezz tieghu giet likwidata s-somma li kellha tithallas mis-sidien lill-konvenut nomine ghas-saldu.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-depozizzjonijiet, dokumenti, u l-atti kollha tal-kawza. Ezaminat ir-rapport tal-Perit Arkitett li strah hafna fuq il-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet u min kien inkariga lill-konvenut nomine. Rat in-nota ta' kritika tar-rapport peritali.

Il-konvenut sostna li hemm kontradizzjoni fir-rapport tal-perit tekniku a fol 10 fejn l-ewwel jghid li rrizulta car li sar tibdil sia fl-ammont u sia fit-tip ta' xoghol li nhadem u li dan gab mieghu talba ghaz-zieda fil-hlas izda mbaghad il-Perit Spiteri ma qabilx li l-prezzijiet jizdiedu. Izda dak li ma jistax jew ma jridx jara l-konvenut hu li wara saret laqgha appozita biex il-kwistjoni tigi finalizzata u f'din il-partijiet qablu li l-valur tal-appalt fuq l-injam kellu jkun ta' LM23,000 liema ammont gie mhallas lill-konvenut minn min kien inkarigah.

Il-konvenut xorta wahda baqa' jsostni li l-ammont dovut ma ghandux jeccedi LM16,000. Ukoll ma hemm ebda kontradizzjoni fir-rapport peritali. Dak li hass l-perit kien li ma hemmx bzonn li hu jaghmel stima ohra wara li kien intlehaq ftehim ghalkemm qal li l-valur tax-xogholijiet aktar ixaqleb lejn il-valur ta' LM28,000. Izda li hu cert hu li kien intlehaq ftehim bejn il-partijiet, li f'materja kontrattwali hu ligi ghall-partijiet kontraenti – Kap 16 Art 992.

Illi l-konvenut eccepixxa li fil-kwalita` personali qatt ma kellu relazzjoni guridika ma' l-attur u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur. Izda meta wiehed jezamina dok B a fol 5 tal-process il-kuntratt jsemmi lil Mr Charles Vassallo (hereinafter referred to as the Buyer) u ma jghidx li dan qieghed jidher ghal xi hadd. Ukoll meta ffirma ma ghamel ebda kwalifika a fol 6. Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut.

Wara eccepixxa li s-socjeta` C V Holdings Limited ma ghandiex taghti lill-attur ghaliex il-kontegg maghmul mill-attur huwa zbaljat, u kif jidher mill-istatement esebit mill-konvenut nomine, kien sar "overpayment". Stabbilita r-responsabbilta` ta' Charles Vassallo personali ma hux il-kaz li C V Holdings Limited tinzamm responsabbli wkoll.

Izda dwar il-meritu ghal motivi fuq imsemmija tichad din l-eccezzjoni dwar il-meritu.

Ghal dawn il-motivi, peress li t-talba attrici tirrizulta gustifikata  tikkundanna lilll-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef mija u erba’ u disghin liri Maltija, wiehed u erbghin centezmu (Lm3,194.41).  Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-2 ta’ Awissu, 1993  kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------